# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**Stephan Maurice Georges Saurin**

**3 t'Ottubru 2018**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba kontra Stephan Maurice Georges Saurin, iben Jean-Markc u Catherine nee Laurens, imwieled Les Salles Du Gardon (30) fil-21 ta' Settembru 1977, residenti Panta court, Andre Maurous Street, St. Julians, karta tal-identita bin-numri 78733A fejn ġie mixli talli f'dawn il-Gzejjer fit-23 ta' Lulju 2015 u fix-xhur u snin ta' qabel :

> kont taf li kellek, jew li kont afflitt b'xi marda jew kondizzjoni li tista' tigi specifikata skont is-subartikolu' (3), b'xi mod xjentament ittrasmettejt, ikkomunikajt jew gh,addejt dik il-marda jew kondizzjoni lil xi persuna ohra li ma tkunx marida jew afflitta bijha. Art 244A (1) ta' kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Aktar talli fl-istess cirkostanzi dik il marda jew kondizzjoni kif imsemmija fis-subartikolu (1) giet trasmessa, ikkomunikata jew mghoddija b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis to' xi regolament meta int kien imissek kont taf li kont marid jew li kont afflitt b'dik il-marda jew kondizzjoni. Art 244A (2) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tat-12 t'Ottubru 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, tenna li huwa ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Rat li l-Qorti kompliet bis-smiegħ tax-xiehda u baqgħet tirċievi dokumenti u dan skont diversi rinviji mibgħuta mill-Avukat Ġenerali;

Rat li permezz ta' nota ta' rinviju għall-ġudizzju datata 15 ta' Mejju 2017, l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-atti tal-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fil-konfront ta' **Stephan Maurice Georges Saurin** fl-Artikolu **244A tal-Kodiċi Kriminali** u għalhekk iddeċieda li taħt dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputat hawn fuq imsemmi sabiex jigi ġġudikat minn din il-Qorti u għalhekk bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi;

Rat li matul is-seduta tal-25 ta' Lulju 2017 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li fir-rigward tal-kawża kontra l-imputat huwa ma kellux aktar provi x'jipproduċi;

Rat li matul l-istess seduta, il-Qorti ordnat li tiġi moqrija n-nota tar-rinviju għall-ġudizzju fir-rigward tal-imputat;

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, wara li qrat l-istess nota fil-preżenza tal-imputat, assistit minn interpret u mill-Avukat tal-fiduċja tiegħu Dr. Joseph Giglio staqsietu jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat id-dokumenti kollha preżentati, ħadet konjizzjoni tax-xiehda tax-xhieda prodotti, semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, u wara li fliet l-atti kollha tal-kawża,

***Ikkunsidrat : -***

Qabel xejn dan ir-reat taħt l-artikolu 244A tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi s-segwenti : -

244A.(1) Kull min, meta jkun jaf li jkollu, jew li jkun afflitt b'xi marda jew kondizzjoni li tista' tigi speċifikata skont is-subartikolu (3), b'xi mod xjentement jittrasmetti, jikkomunika jew jgħaddi dik il-marda jew kondizzjoni lil xi persuna oħra li ma tkunx marida jew afflitta biha jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' minn erba' snin sa disa' snin:

Iżda jekk il-persuna l-oħra tmut bħala rizultat ta' dik il-marda jew kondizzjoni, il-ħati jeħel il-piena stabbilita fl-artikolu211(1).

(2) Meta dik il-marda jew kondizzjoni kif imsemmija fis-subartikolu (1) tigi trasmessa, ikkomunikata jew mgħoddija b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' tħaris ta' xi regolament mill-persuna li kienet li kien imissha tkun taf li tkun marida jew li tkun afflitta b'dik il-marda jew kondizzjoni, dik il-persuna teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37):

Iżda jekk il-persuna l-oħra tmut bħala riżultat ta' dik il-marda jew kondizzjoni, il-ħati jeħel il-pieni stabbiliti fl-artikolu 225.

(3) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja għandu, b'avviż fil-Gazzetta, jispeċifika l-mard jew kondizzjonijiet li għalihom japplika dan l-artikolu.

Skont l-avviż legali 137 tal-2005:

2. Il-mard jew kondizzjonijiet li ġejjin huma speċifikati bħala mard jew kondizzjonijiet li għalihom japplika l-artikolu 244A tal-Kodiċi Kriminali:
(a) Human Immunodeficiency Virus Infection (HIV);
(b) Acquired Immune Deficiency Syndrome (AIDS);
(ċ) Infezzjoni ta' l-Epatite B;
(d) Infezzjoni ta' l-Epatite C;
(e) Tuberkulosi.

Il-ġurisprudenza Maltija hija skarna fuq din il-materja. Dan hu reat ta' kontaġġjar ta' mard jew kundizzjoni speċifikati, ikun b'liema mod ikun, u mhux marbut biss mat-trasmissjoni ta' mard tramite kuntatti sesswali. F'dan il-każ, il-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni jikkonċentraw fuq

allegata relazzjoni omosesswali bejn l-imputat u terzi. Għalhekk l-analiżi ta' din il-Qorti ser ikun iffukat għal din il-modalita ta' kuntaġġjar ta' mard jew kundizzjonijiet speċifikati.

Minn qari ta' ġurisprudenza kemm Ingliża[1] (bl-akronimu bl-Ingliż ikun *STI*) kif ukoll Taljana[2] riċenti fuq dan is-suġġett, jirriżulta li dawn il-ġurisdizzjonijiet jittrattaw dan ir-reat bħala sub-speċi ta' reati kontra l-persuna jew leżjoni personali; biss joffru diversi konsiderazzjonijiet li jistgħu jitqiesu għall-interpretazzjoni tal-ordinament ġuridiku Malti.

L-applikazzjoni ta' din il-liġi mhix relatata mal-orjentament sesswali tas-suġġett attiv jew passiv tar-reat, in kwantu t-trażmissjoni sesswali t'infezzjonijiet tista' ssir bejn persuni tal-istess sess jew ta' sessi differenti – kemm f'relazzjonijiet omosesswali kif ukoll eterosesswali; b'dan li jirriżulta li hemm riskji akbar t'infezzjoni f'relazzjonijiet omosesswali maskili.

L-infezzjoni tista' tgħaddi minn persuna għall-oħra permezz t'attività sesswali, jew kuntatt ieħor ma' demm jew fluwidi infettati tas-suġġett infettat – bħal per eżempju bl-użu ta' siringi wżati mis-suġġett infettat, jew meta omm tgħaddi l-infezzjoni lit-tarbija.

[1] *"Intentional or reckless sexual transmission of infection"*.
[2] *"Contagio"*.

Fil-każ ta’ rapporti sesswali, l-infezzjoni tista’ tgħaddi kemm mill-parti li tkun attiva lil dik li tkun passiva u viċe versa. L-infezzjonijiet trażmessi sesswalment jistgħu jkunu kemm batterjali kif ukoll virali. Il-mod kif dawn l-infezzjonijiet jistgħu jiġu mgħoddija minn persuna għall-oħra, anke permezz ta’ kuntatti sesswali ivarjaw – b’uħud minnhom jistgħu jiġu mgħoddija mis-semen, oħrajn mid-demm jew mis-saliva, jew taħlita ta' dawn kollha. It-trasmissjoni t’infezzjoni tista’ tkun aġevolata kemm mill- karatteristiċi tal-infezzjoni partikolari innifisha kif ukoll mill-mod li bih tiġi trażmessa.

Infezzjoni tista' tiġi trasmessa kemm bil-konsapevolezza taż-żewġt partijiet għall-atti sesswali, jew ta’ xi ħadd minnhom jew saħansitra mingħajr ma ż-żewġ persuni jkunu konsapevoli. L-infezzjoni tista’ tiġi komunikata inkluż jekk ma jkunx hemm att sesswali ta’ penetrazzjoni sħiħ. Biex il-Qorti tkun tista’ ssib ħtija fl-imputat, il-Prosekuzzjoni tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, b’mod ċar, kemm il-mezz kif ukoll il-mod li bihom infezzjoni partikolari tkun ġiet mgħoddija mis-suġġett attiv lis-suġġett passiv tar-reat. Il-Qorti trid tqis b’attenzjoni speċjali l-evidenza kollha – kemm dik ordinarja kif ukoll dik medika u xjentifika; dawn iż-żewġt forom ta’ xhieda jridu jaqblu u jikkonfermaw lil xulxin.

Sabiex il-Qorti tkun tista’ ssib ħtija fl-imputat, huwa meħtieġ li l-Prosekuzzjoni tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni :

(1) l-eżistenza ta' marda jew kundizzjoni speċifika fil-persuna tas-suġġett attiv;

(2) attivita kontaġġjanti (li tista' tkun ta' natura sesswali) bejn is-suġġett attiv u s-suġġett passiv;

(3) it-trasmissjoni tal-marda jew kundizzjoni partikolari speċifikata, mis-suġġett attiv lis-suġġett passiv;

(4) (fil-forma intenzjonali) is-suġġett passiv, qabel dik l-attivita kontaġġjanti partikolari ma kienx afflitt minn din il-marda jew kundizzjoni speċifikata;

(5) l-element psikoloġiku tar-reat konsistenti filli is-suġġett attiv : -

    (i) kien jaf li huwa kien, fil-mument tal-attivita' kontaġġjanti, afflitt mill-marda jew kundizzjoni speċifikata li kien maħkum minnha u mogħni b'dan l-għarfien, deliberatament u volutament jittrasmetti u jikkomunika, ossija jikkontaġja b'din il-marda jew kundizzjoni lis-suġġett passiv, li ma kienx marid jew maħkum mill-kundizzjoni de quo; jew

    (ii) meta messu kien jaf li kien afflitt minn dik il-marda jew kondizzjoni, jittrasmetti u jikkomunika ossija jikkontaġja lis-suġġett passiv b'dik l-istess marda jew kundizzjoni minħabba li s-suġġett attiv ikun aġixxa b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' tħaris ta' xi regolamenti.

Biex din l-azzjoni tirnexxi huwa meħtieġ li tiġi pruvata, b'mod xjentifiku u mediku, it-tip ta' marda jew kundizzjoni allegatament trasmessa mis-suġġett attiv lis-suġġett passiv u li s-suġġett passiv u li trid tkun waħda minn dawk speċifikati fl-avviż legali 137 tal-2005.

Biss huwa meħtieġ li jiġi pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li s-suġġett passiv jkun ġie kontaġġjat **<u>bl-istess marda jew kundizzjoni speċifikata</u>** li biha kien maħkum is-suġġett attiv meta seħħet l-attivita' kontaminanti. Dan peress li s-suġġett attiv jista' jkun maħkum minn mard jew kundizzjonijiet differenti li ma jkunux ġew komunikati lis-suġġett passiv. Jew inkella jista' jiġri li s-suġġett passiv ikun maħkum preċedentement minn marda jew kundizzjoni speċifikata, anke ad insaputa tiegħu, diversa minn dik li biha jkun maħkum is-suġġett attiv u li ma tkunx ġie komunikata lilu mis-suġġett attiv iżda minn terzi qabel l-attivita kontaġġjanti mas-suġġett attiv. Għalhekk huwa meħtieġ li l-Qorti jkollha evidenza xjentifika u medika b'saħħitha biżżejjed biex biha, flimkien ma evidenza fattwali, fuqha tkun tista tibbaża l-konklużjoni ta' ħtija tal-imputat o meno. Il-provi xjentifiċi jew mediċi jridu jiġu moqrija flimkien mal-provi l-oħra li jinġiebu fil-każ. In-natura tal-evidenza xjentifika u medika tkun tiddependi wkoll fuq it-tip ta' marda jew kundizzjoni speċifika partikolari.

Biex il-Qorti tkun tista' ssib ħtija fl-imputat irid ikun pruvat b'ċertezza lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, li l-marda jew kondizzjoni

speċifika kienet ġiet trasmessa mis-suġġett attiv lis-suġġett passiv u minn ħadd iktar; kif ukoll li s-suġġett passiv ikun ġie infettat bl-istess marda jew kondizzjoni speċifika u mhux b'xi marda jew kundizzjoni oħra.

Is-sempliċi fatt li s-suġġett attiv jgħid li kellu rapport sesswali mhux protett mas-suġġett passiv u li hu għamel hekk jew b'intenzjoni, jew bi traskuraġni jew negliġenza mhuwiex biżżejjed, waħdu, biex jilħaq il-grad ta' prova meħtieġ skont il-Liġi. Għal dan it-tip ta' reat, l-ammissjoni tas-suġġett attiv għall-attivita kontaminanti mas-suġġett passiv waħedha mhix biżżejjed biex jiġi integrat dan ir-reat. L-anqas ma hija suffiċjenti għal sejbien ta' ħtija l-akkuża tas-suġġett passiv li huwa, verġni kif kien, ġie kontaminat mis-suġġett attiv wara relazzjoni omosesswali bejniethom. Dan peress li jekk ma jkunx hemm prova xjentifika u medika fir-rigward tan-natura tal-marda jew kundizzjoni speċifika partikolari li allegatament is-suġġett passiv ikun ġie kontaġjat biha, is-suġġett attiv ikun jista' jiġi misjub ħati ta' dan ir-reat b'mod żbaljat. Ad eżempju – Titius ikun involut f'rapport sesswali ma Caius. Caius jgħid li ġie kontaġġjat bl-HIV, konsegwenti rapport omosesswali ma Titus. Titius jammetti għal dan ir-rapport sesswali mhux protett. Titus jirriżulta li kien infettat bl-HIV. Ma jsirx test mediku biex jiġi determinat jekk Caius ġiex infettat bl-istess tip, razza jew strain ta' virus li jinsab maħkum bih Titius, għalkemm ikun hemm prova li t-tnejn huma maħkuma mill-HIV. *Quid juris* jekk wara jirriżulta li t-tip, razza

jew l-*istrain* tal-virus li kien maħkum bih Caius jinstab li kien differenti minn dak li kellu Titius – minkejja l-fatti ammessi minn Titius? In-nuqqas ta' prova xjentifika u medika kemm fir-rigward tal-kondizzjoni medika ta' Titius u Caius f'dan il-każ tista tkun devastanti biex issir Ġustizzja skont il-Liġi. Għalhekk huwa meħtieġ li l-Qorti ma tistrieħx biss fuq id-dikjarazzjonijiet tax-xiehda miġjuba quddiemha biss, iżda trid ikollha l-konfort ta' evidenza xjentifika u medika fir-rigward taż-żewġ persuni li jkunu involuti fl-attivita kontaġġjanti li possibilment turi kemm l-istat ta' saħħa tagħhom kemm qabel kif ukoll wara l-allegat att kontaġġjanti.

Għalkemm kemm il-ġurisprudenza Ingliża u dik Taljana jagħmlu enfażi fuq il-kunċett tas-sens komun li kulħadd għandu jkun responsabbli tiegħu innifsu u għandu jieħu l-prekawżjonijiet bażiċi qabel jidħol għal attivitajiet sesswali, dawn iż-żewġt ġurisdizzjonijiet xorta waħda jitfgħu oneru akbar fuq is-suġġett attiv meta jkun konsapevoli li huwa afflitt mill-marda jew kundizzjoni speċifikata. L-aspett intenzjonali jidher li huwa ċar fit-tifsira tiegħu.

Iżda ż-żewġt ġurisdizzjonjiet jipprevedu l-possibilita' ta' trasmissjoni ta' mard bi traskuraġni jew neġliġenza. B'hekk fis-sistema Ingliż, huwa ritenut *reckless* is-suġġett attiv li jkun ippreveda li s-suġġett passiv jista' jiġi kontaġġjat bil-marda jew l-infezzjoni permezz ta' attività sesswali

mhux protetta iżda huwa xorta jiddeċiedi li jieħu dak ir-riskju. Ladarba jiġi pruvat li s-suġġett attiv kien ippreveda r-riskju t'infezzjoni tas-suġġett passiv, il-Qorti imbagħad trid tevalwa r-raġonevolezza li jittieħed dak ir-riskju. Din ir-raġonevolezza tiddipendi fuq iċ-ċirkostanzi magħrufa mis-suġġett attiv fil-mument meta jiddeċiedi li jieħu r-riskju. Fost il-fatturi li jittieħdu in konsiderazzjoni hemm, ad eżempju : -

(1) il-frekwenza tar-rapporti sesswali mhux protetti bejn is-suġġett passiv konsapevoli u s-suġġett passiv injar mill-kondizzjoni tal-isjeropożittivita tas-suġġett attiv. Numru żgħir ta' rapporti sesswali bejniethom jagħti lok għal konsiderazzjonijiet differenti minn sitwazzjoni ta' numru ta' rapporti aktar frekwenti - bil-grad t'imprudenza tas-suġġett attiv f'din l-aħħar ipoteżi tkun ferm għola minn dik preċedenti.

(2) Ir-riskju tat-trasmissjoni – dan ukoll jista' jvarja skont il-frekwenza tar-rapport sesswali magħquda man-natura u mal-istatus tal-marda, kundizzjoni jew infezzjoni. B'hekk fil-każ ta' ċerti tipi ta' mard jew kundizzjonijiet li jkunu infettivi ħafna, rapport sesswali mhux protett waħdieni jista' jkun suffiċjenti biex jitqies bħala aġir negliġenti da parti tas-suġġett attiv; mill-banda l-oħra f'kuntest fejn ir-riskju ta' kontaġġjar ikun minimu minħabba n-natura anqas kontaġġjuża tal-marda jew kundizzjoni speċifika, rapport sesswali protett waħdieni jista' ma jkunx kwalifikabbli bħala negliġenti. Biss jekk imbagħad l-istess rapport sesswali ma jkunx protett, minkejja l-grad baxx ta'

kontaġġjabbilita' xorta jista' jwassal għal negliġenza da parti tas-suġġett attiv konsapevoli – u dan peress li l-livell ta' traskuraġni jiżdied minħabba l-fatt li l-attivita' sesswali tkun qegħda ssir b'mod mhux protett.

Biss il-fattur determinanti huwa kemm verament is-suġġett attiv kien jaf li kien maħkum minn marda jew kundizzjoni speċifikata qabel ma jkun sar ir-rapport sesswali jew rapport ieħor kontaġġjanti jew kemm messu kien jaf li kien maħkum minn dik il-marda jew kundizzjoni speċifika f'każ ta' kontaġġjar negliġenti. Il-Liġi Maltija teħtieġ li l-Prosekuzzjoni tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li :

(a) l-kontaġġjar ikun sar b'mod konsapevoli da parti tas-suġġett attiv u li jkun ukoll xjenti fil-każ ta' kontaġġjar intenzjonali u

(b) l-ikkontaġġjar ikun sar b'għarfien kostruttiv fil-każ fejn il-*persuna li kienet li kien imissha tkun taf li tkun marida jew li tkun afflitta b'dik il-marda jew kondizzjoni* fil-każ ta' kontaġjar b'negliġenża. Il-Qorti tqis li din il-lokuzzjoni hija xi ftit jew wisq kimerika u tirrendi l-prova ta' dan dipendenti aktar fuq l-analiżi tal-ħajja tas-suġġett attiv tar-reat, fl-aspetti l-aktar personali u intimi tagħha.

L-għarfien tas-suġġett attiv jista' jiġi pruvat direttament minn stqarrijiet tiegħu jew ta' terzi; iżda jrid ukoll ikun jistrieħ fuq dijanjożi ta' mard jew kundizzjoni speċifika magħmula minn tabib jew minn qari tar-rekords mediċi tiegħu. Dan l-għarfien jeħtieġ li jkun wieħed bażiku

(bħal li jkun jaf li jkun ġie dijanjostikat bl-HIV – għalkemm mhux mistenni minnu li jkun ukoll jaf informazzjoni aktar kumplessa bħal – liema strain jew razza ta' virus huwa maħkum bih, jew il-livell t'infezzjoni li huwa għandu). Biss dan l-għarfien irid ikun wieħed oġġettiv bażat fuq provi xjentifiċi u mediċi u huwa importanti li dan l-għarfien jiġi wkoll pruvat li jkun jeżisti qabel ma s-suġġett attiv jimbarka fuq l-attivita' kontaġġjanti mas-suġġett passiv.

Fil-fehma tal-Qorti, l-għarfien kostruttiv da parti tas-suġġett attiv fil-każ ta' kontaġġjar b'negliġenza jippresta sfida akbar lill-Prosekutur biex jippruvah, li jrid jipprova li s-suġġett attiv kien imissu kien jaf li kien marid jew kontaġġjat. Min imissu jkun jaf li jkun marid? Dan huwa xenarju li jistrieħ fuq analiżi tal-fattispeċje dettaljat tal-ħajjat tas-suġġett attiv prinċipalment qabel ma jkun imbarka fuq l-attivita kontaġġjanti mas-suġġett passiv.

F'dan il-każ, is-suġġett attiv irid ikollu minn tal-anqas xi forma ta' sinjal jew indikazzjoni jew li huwa marid jew inkella li jkun qieħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni ta' esposizzjoni għolja ta' kontaġġjar ta' xi mard jew kondizzjoni speċifika jew li jkun ġie espost għal tali riskju ta' mard jew kondizzjoni speċifikata meta kien jaf li għamel attivitajiet sesswali mingħajr protezzjoni ma persuni li kien jaf li kienu maħkuma minn mard jew kundizzjonijiet speċifikati. Iżda jekk wieħed jagħmel sess mhux protett ma persuna jew persuni differenti, għalkemm huwa jkun

espona ruħu għal riskju kbir li jiġi kontaġġjat minn xi marda jew kundizzjoni speċifikata, dan waħdu ma jfissirx li huwa awtomatikament u bilfors ġie kontaġġjat jew li marad jew li ġie soġġett għal kondizzjoni speċifika sempliċiment minħabba f'dik l-attivita. Il-fatt li huwa poġġa lilu nnifsu fir-riskju kbir li huwa jimrad ma jfisserx neċessarjament li huwa messu kien jaf li huwa marid. Mill-banda l-oħra jekk is-suġġett attiv ikun jaf li l-persuna jew persuni li magħhom ikollu interazzjoni jkunu diġa maħkuma minn xi mard jew kundizzjonijiet speċifikati – f'dak il-każ ir-riskju li huwa jiġi kontaġġjat ikunu esponenzjalment akbar u hemmhekk allura kien raġonevolment mistenni minnu li jagħraf li jimrad. Iżda jekk ma jkollux dak l-għarfien li l-persuni l-oħra kienu ġja kontaġġjati, huwa diffiċli, mingħajr provi oġġettivi, li jiġi konkluż li għaliex suġġett attiv ikun għamel is-sess (protett jew mhux protett) ma persuna jew persuni oħra, injar dwar il-kundizzjoni medika tagħhom, allura awtokatikament ifisser li huwa messu kien jaf li huwa marid jew maħkum minn kundizzjoni speċifikata. Dan l-eżempju waħdieni juri biss kemm din il-lokuzzjoni tiftaħ ipoteżi diversi biex b'hekk tagħmilha ferm oneruża fuq il-Prosekuzzjoni li tilħaq il-grad ta' prova skont il-Liġi.

Mill-banda l-oħra din il-ġurisprudenza wkoll tiffoka fuq ir-rwol tas-suġġett passiv tar-reat u dwar l-għarfien jew in-nuqqas t'għarfien tiegħu dwar il-kundizzjoni medika tas-suġġett attiv qabel ma tkun saret l-attivita kontaġġjanti – mhux daqstant biex teżonera lis-suġġett attiv mir-responsabbilta tiegħu daqskemm biex tikkalibra l-grad ta' ħtija tiegħu,

jekk tkun teżisti. Kif spjegat qabel kemm il-ġurisprudenza Taljana kif ukoll din Ingliża jsemmu wkoll id-dmir (riferit bħala ta' *sens komun* mill-Kassazzjoni Taljana) tas-suġġett passiv li jipproteġi lilu nnifsu meta jimbarka fuq attivitajiet sesswali ma terzi. Dawn il-Liġijiet isemmu x-xenarji fejn is-suġġett passiv jista' jkun konsapevoli mill-mard jew kundizzjoni speċifikat tas-suġġett attiv u jidħlu għall-attivitajiet kontaġġjanti xorta waħda għal xenarji oħra fejn is-suġġett passiv ikun totalment injar jew ikun hu stess negliġenti dwar il-konsegwenzi t'egħmilu.

Il-Liġi Maltija ma tirriferix għall-għarfien o meno tas-suġġett passiv dwar il-mard jew kondizzjoni tas-suġġett attiv. Fir-reat tal-kontaġġjar intenzjonali taħt l-Artikolu 244A(1) tal-Kodiċi Kriminali il-Liġi teħtieġ bħala parti mill-elementi tar-reat li s-suġġett passiv ma jkunx maħkum mill-marda jew mill-kundizzjoni speċifikata qabel ma huwa jkun ġie kontaminat volutament mis-suġġett attiv. Biss dan l-element huwa nieqes fir-rigward tar-reat ta' kontaġġjar b'mod negliġenti fis-sens li l-artikolu 244A(2) il-Liġi ma ssemmi xejn dwar il-fatt li s-suġġett passiv irid ikun ġie kontaminat b'marda jew kondizzjoni speċifikata li ma kienx maħkum biha qabel l-attivita' kontaġġjanti. Donnu hawnhekk il-leġislatur qiegħed jippostula xenarju fejn persuna setgħet ukoll kienet kontaminata minn mard jew kundizzjoni speċifikata preċedentement iżda mhux neċessarjament b'dik il-marda jew kondizzjoni speċifikata attribwibbli lis-suġġett attiv tar-reat. Fi kwalunkwe każ, il-

Prosekuzzjoni xorta waħda trid tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li s-suġġett passiv ikun ġie kontaġġjat b'marda jew kondizzjoni speċifikata, ad opera tas-suġġett attiv, għalkemm tali kontaġju jkun sar b'negliġenza da parti tas-suġġett attiv li messu kien jaf li kien hekk marid jew kontaġġjat bil-kondizzjoni speċifikata.

Il-Liġi Ingliża pero tipprovdi għal sitwazzjoni fejn jekk is-suġġett passiv ikollu l-kunsens infurmat dwar il-kondizzjoni medika tas-suġġett attiv u allura l-għarfien li s-suġġett attiv kien maħkum minn mard jew kondizzjoni infettivi l-għarfien infurmat tas-suġġett passiv għall-assunzjoni tar-riskju ta' infezzjoni meta huwa jinvolvi ruħu f'attivita kontaġġjanti mas-suġġett attiv jista' jgħin lid-difiża tas-suġġett attiv billi jintwera li dan tal-aħħar ma kellux l-intenzjoni li jgħaddi dan il-mard jew infezzjoni.[3] Anzi fil-Liġi Ingliża, il-kunsens infurmat ma jfissirx biss li s-suġġett attiv għandu jiżvela l-kundizzjoni tiegħu lis-suġġett passiv. Is-suġġett passiv jitqies li huwa jkun infurmat għall-finijiet tal-kunsens infurmat meta jiġi infurmat minn terza persuna dwar il-kundizzjoni tas-suġġett attiv u minkejja dan is-suġġett passiv xorta waħda jagħżel li jimbarka fuq l-attivita kontaġjanti mas-suġġett attiv. Bl-istess mod, is-suġġett passiv jitqies bħala infurmat jekk isir jaf b'ċirkostanzi li jindikaw li s-suġġett attiv kien qiegħed isofri minn infezzjoni trasmessa

[3] *R vs Dica* (2004) EWCA Crim 1103 :

> The question for the court was whether the complainants were consenting to the risk of infection with HIV when they consented to sexual intercourse with defendant. The court found that given the complainants had consensually agreed to unprotected sexual intercourse, they were therefore accepting the risk of such acts.
> < https://www.lawteacher.net/cases/r-v-dica.php>

sesswalment – eżempju fejn is-suġġett attiv ikun qiegħed jirċievi trattament għall-marda jew kundizzjoni speċifikata f'xi sptar jew jekk is-suġġett attiv kien jimmanifesta ġrieħi jew feriti fuq ġismu li juru li kien marid. Il-kwistjoni dwar jekk is-suġġett passiv ikunx żviluppa kunsens infurmat hija kwistjoni li tiġi rimessa lil min għandu jiġġudika l-fatt. Eżempju fil-każ *R v Konzani*[4] :

**Issue :**

Whether there was a reasonable or genuine belief by Konzani that the complainants were aware of his HIV positive status and thus, consented to the risk of contracting HIV through unprotected sexual intercourse. Konzani relied on the defence of reasonable or genuine belief against **s 20 of the Act**. However, on appeal it was found that Konzani's concealment of his HIV status was incongruent with honesty.

**Held:**

There was no evidence to indicate or to which the jury could have inferred, that Konzani had the honest belief that the complainants had consented to unprotected sexual intercourse, knowing that they were exposing themselves specifically to the risk of contracting HIV. The case of ***R v Dica*[2004] EWCA Crim 1103** was referred to and applied to some degree, as the principle of personal autonomy to ensure that the individual takes necessary precautions to mitigate their risks of infection was acknowledged. However, it was distinguished on the basis that where Konzani had knowingly concealed the fact that he had HIV from his sexual partners, his sexual partner's personal autonomy could not reasonably be expected to extend to anticipate his deception. Therefore, his concealment of his condition consequently led to the transmission of HIV to the complainants. The complainants could not have given proper consent as they were not honestly informed. The defence of honest belief was not upheld under **s 20 of the Act**. The appeal was dismissed and the conviction stayed.

[4] (2005) EWCA Crim 706

*Ikkunsidrat : -*

Bħal ma ntqal aktar il-fuq, kien għalhekk mistenni li f'dan il-każ titressaq kemm il-prova fattwali kif ukoll dik xjentifika u medika taż-żewġt partijiet involuti f'dan il-każ.

Għalkemm il-Prosekuzzjoni firxet iż-żmien tal-imputazzjonijiet għal perjodu preċedenti u sussegwenti l-allegat att kontaġġjuż fuq ix-xhud L.C., fil-verita' hija produċiet biss ix-xiehda L.C. bħala dak li kien ġie kontaġġjat bl-HIV mill-imputat. Għalkemm jissemmew diversi persuni oħra, li baqgħu mingħajr ma ġew identifikati, dil-Qorti ma tistax tqis ir-riferenza għalihom bħala evidenza ammissibbli fi proċeduri kriminali. Fi kwalunkwe każ, ma ġewx eżibiti dokumenti xjentifiċi jew mediċi li jsaħħu t-teżi tal-Prosekuzzjoni fuq dan il-punt. Inoltre f'dan il-każ, anke jekk jirriżulta mid-dokumenti li ġew prodotti li wara l-allegat rapport kontaġġjanti bejn l-imputat u L.C. li l-imputat baqgħa jippreżenta ruħu fuq is-sit GAYROMEO bħala li kien sesswalment attiv, ma ġiex soddisfaċentement ippruvat li huwa, fil-perjodu inkriminat, ikkontaġja lil xi persuna oħra. Dan għaliex anke jekk verament l-imputat kien involut f'attivita' sesswali ma terzi fiż-żmien inkriminat, il-prova li trid tinġieb sal-grad taċ-ċertezza lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni hija li hu intenzjonalment jew b'negliġenza, ikkontaġja lil ħaddieħor. Din il-prova li huwa ikkontaġja lil ħaddieħor ma nġabitx – u dan irrispettivament mill-promiskwita, vera jew preżunta, tiegħu.

Jibqa għalhekk L.C. bħala x-xhud u l-akkużatur prinċipali tal-imputat f'dan il-każ. L.C. jispjega kif, verġni kif kien, huwa kien daħal f'rapport omosesswali mal-imputat, bit-tama li din tkun relazzjoni monogama u stabbli. Biss huwa jixhed li wara ftit xhur huwa intebaħ li huwa kien marad u wara ġie dijanjostikat bl-HIV. Minbarra li saħaq li kien l-imputat li kien l-ewwel persuna li kellu relazzjoni sesswali magħha, huwa stqarr ukoll li preċedentement huwa kellu episodji ta' bews ma persuni oħra – u ebda sess orali, anali jew ta' forma oħra.

L-unika evidenza xjentifikat preżentata mill-Prosekuzzjoni f'dan il-każ kienet relazzjoni qasira tal-ispeċjalista Christopher Barbara minn fejn, wara li l-imputat ġie sottomess għal test tad-demm, fis-16 ta' Diċembru 2016, irriżulta li l-imputat kien *HIV positive* b'*viral load* ta' *3450 copies/ml*. Ir-rapport ta' dan it-test jinsab a fol 162 u 163.

Minn naħa tiegħu l-imputat xehed li huwa kien omosesswali u li kien attiv sesswalment ma partner wieħed u li kien ilu miegħu għal erba' snin, u ċjoe sa' mill-2013. Bejn is-snin 2012 u 2013 huwa kien maħkum minn kundizzjoni tal-emorrojdi u kien ġie invistat u operat kemm f'Malta kif ukoll fi Franza. Itenni li matul dan il-perjodu ma kellux attivita' sesswali. Imbagħad beda jirranka bil-mod il-mod hekk kif il-kundizzjoni tal-emorrojdi bdiet tfieq. Huwa jtenni li kien għamel test tad-demm fi Franza qabel ma kien ġie Malta f'Awissu tal-2012. Jgħid li

dan it-test kien negattiv. Iżda meta kien mitlub biex jagħmel it-test taddemm minn nurse Maltin huwa rriferihom li kellu dawn ir-riżultanzi tat-test Franċiż u huma ma riedux jaċċettaw dan it-test u riedu li jsir test f'Malta. Inoltre jgħid li huwa kien ġie sottopost għal testijiet qabel ma għamel l-operazzjoni tal-emorrojdi fi Franza u ħadd mit-tobba ma qallu li kellu xi ħaġa ħażina. Huwa pero ma kienx jaf x'kienu dawn ir-riżultati tat-test li ħa fi Franza qabel l-operazzjoni. Huwa jtenni li kien fiżikament impossibbli li huwa kien marid bl-HIV, għaliex huwa kien ġie operat. Ebda dokumentazzjoni li tikkorrobora dan ma ġiet preżentata.

L-aktar fattur interessanti fix-xiehda tal-imputat hija li hu jiċħad kompletament li qatt kellu relazzjoni max-xhud L.C. u agħar minn hekk huwa jixhed li huwa ma jafx lil L.C.

Fl-istqarrija tiegħu lill-Pulizija datata 25 ta' Lulju 2014 l-imputat kien qal li huwa jgħid li kien ġie kuntattjat mill-awtoritajiet tas-saħħa Maltin fejn qalulu li xi ħadd kien taħhom ismu u staqsewh jekk kienx jaf lil persuna partikolari u meta stqasihom għaliex, dawn ma wieġbuhx. L-imputat kompla jgħid li dawn qalulu li hu kien f'lista ta' diversi persuni li kellhom relazzjoni ma din il-persuna li semmewlu. L-imputat saħaq li din il-laqgħa seħħet f'Mejju 2013 qabel ma huwa mar Franza għall-operazzjoni tiegħu. Dak iż-żmien it-tobba fi Franza kienu qegħdin jissispettaw li huwa setgħa kellu kanċer u wara li kienet saritlu

operazzjoni u ħadulu kampjun irriżulta li ma kellux kanċer. Wara dak l-episodju ddeċieda li ma riedx li jkellem tobba aktar f'ħajtu. L-imputat kien tenna wkoll li meta kien Franza għall-operazzjoni tiegħu kien ittieħidlu test qabel ma għamel tliet operazzjonijiet u qabel ma għamel dawn l-operazzjonijiet huwa kien għamel it-test tad-demm li kien irriżulta fin-negattiv. Huwa jtenni li kien b'saħtu u li ma kellux HIV. Qabel ma kellu r-relazzjoni ma din il-persuna li kienet ilha diġa madwar sena huwa kellu relazzjonijiet sesswali ma persuni oħrajn, iżda huwa, ta bniedem responsabbli kien juża dejjem il-kondom. Kien possibbli li kellu relazzjoni ma xi rġiel Maltin, iżda hu jtenni li dawn dejjem kienu jgħidu li huma Taljani. Minn naħa tiegħu huwa ma kienx jistaqsi għan-nazzjonalita ta' dak li jkun. Kien possibbli li għamel is-sess ma xi ħadd, iżda hu dejjem kien ċert li kienu Ewropej. Għalkemm kellu profil fuq is-sit GAYROMEO bl-isem YIKING84, huwa rari kellu relazzjoni sesswali ma persuna li jkun iltaqa' magħha fuq dan is-sit. Huwa tenna li kien beżgħan jagħmel testijiet mediċi minħabba l-esperjenzi li kellu li kienu joħolqulu ansjeta u biża. Kien kuntant mal-partner li kellu għal dik l-aħħar sena. Mistoqsi jekk kienx hemm xi ħadd li kien irid jaqlagħalu l-inkwiet, l-imputat wieġeb li setgħa kien hemm xi ħadd li ried ikun il-partner tiegħu iżda li huwa ma kienx irid u għalhekk kien qiegħed jagħmillu hekk. L-imputat jisħaq li kien ilu f'relazzjoni stabbli għal perjodu ta' sena minn Lulju tal-2013. Fis-sena preċedenti ma setgħax ikollu rapporti sesswali minħabba li kien afflitt mill-problema tal-emorrojdi. Kien għalhekk li ma kellu lil ħadd f'dak il-perjodu. Wara l-

operazzjoni, il-problemi anali tiegħu bdew itaffu, is-sitwazzjoni anali tiegħu tjiebet u huwa kien qigħed ikollu rapporti sesswali mal-partner tiegħu li kien ukoll juża l-kondom. Huwa għalaq billi saħaq li ried li jiġi konfrontat bil-persuni li kienu qegħdin jakkużawh. Huwa qal lill-ispettur biex jintervista lil dawk il-persuni li kienu qegħdin jgħidu li ġew kontaminati minnu wara rapporti sesswali miegħu għaliex dan ma kienx possibbli. Wara dan, jekk huma jibqgħu jinsistu huwa kien lest li joqgħod għal test tad-demm. Anke jekk huma jwaqqgħu l-akkużi, huwa kien lest li jagħmel it-test tad-demm, iżda xorta waħda li l-ispettur ikun kellimhom.

***Ikkunsidrat : -***

F'każijiet bħal dawn, aktar u aktar meta l-evidenza fattwali prestata mix-xiehda ta' L.C. u tal-imputat ma setgħetx kienet aktar kontrastanti minn hekk, kien aktar u aktar meħtieġ li kemm l-evidenza xjentifika kif ukoll dik medika ikunu preżentati u meqjusa sewwa mill-Qorti meta tiġi biex tanalizza l-każ.

Din l-evidenza setgħet tista' tieħu forom diversi, dipendenti fuq in-natura tal-marda jew tal-kundizzjoni speċifikata skont il-każ. L-evidenza medika tinkludi r-rekords kliniċi, kemm tas-suġġett attiv kif ukoll tas-suġġett passiv. Din tinkludi evidenza ta' sintomi li jkunu osservati kemm mis-suspettat kif ukoll minn tabib jew speċjalista, xi

trattament li jkunu fuqhom, in-natura tal-infezzjoni jew marda, it-tip, razza / strain tal-marda jew infezzjoni, il-grad tal-infezzjoni, *virus count* fejn applikabbli, eċċetra. L-evidenza xjentifika tista' tkun komuni ma dik medika, iżda tista' tkun ukoll differenti minnha. Ir-riżultati ta' analiżi xjentifiċi (eżempju r-riżultat tat-test tad-demm) hija evidenza xjentifika u dan għaliex f'ċerti kundizzjonijiet mediċi, jista' jkun possibbli li jiġi determinat jekk suspettat għandux strain jew tip t'infezzjoni partikolari. Ir-riżultati ta' dawn it-testijiet ikunu evidenza xjentifika.

Fil-każ ta' xi infezzjonijiet, l-evidenza xjentifika jew medika tista' turi b'ċertezza li s-suġġett attiv ma kkontaġġax lis-suġġett passiv minħabba li ż-żewġ persuni kkonċernati ikollhom tipi jew *strains* differenti tal-infezzjoni. B'mod partikolari, għal virus bħall-HIV, l-analiżi fuq livell ġenetiku tista' saħansitra teskludi l-possibbiltà ta' trażmissjoni bejn żewġ persuni b'mod partikolari fejn ma hemmx qbil rilevanti bejn iż-żewġ kampjuni. Għalhekk huwa importanti li jkun hemm komparazzjoni bejn il-kampjuni meħuda kemm mis-suġġett attiv kif ukoll mis-suġġett passiv biex dan l-aspett jiġi epurat u determinat b'mod xjentifiku.

F'dan il-każ il-Qorti ma għandhiex ir-records mediċi preċedenti tal-imputat jew ta' L.C. Għalkemm fl-aħħar mill-aħħar l-imputat issottometta lilu nnifsu għal test tad-demm, il-Prosekuzzjoni ma resqitx l-evidenza tal-kundizzjoni medika ta' L.C. qabel u wara l-allegat fatt kontaġġjuż u l-anqas ma ppreżentat dawk tal-imputat għall-istess

żminijiet. L-anqas ma jirriżulta li sar xi forma ta' komparazzjoni bejn il-kampjuni tad-demm tal-imputat u dak ta' L.C. biex jiġi determinat jekk it-tip, razza jew strain ta' virus li allegatament ħakem lil L.C. kien l-istess bħal dak tal-imputat. Fil-verita dil-Qorti ma għandhiex konferma xjentifika u medika li L.C. huwa maħkum mill-virus tal-HIV u għandha biss ix-xiehda tiegħu f'dak is-sens mingħajr ebda riskontru mediku oġġettiv.

Madankollu, anke kieku kien hemm tali evidenza xjentifika jew medika jew it-tnejn li huma, tali evidenza mediko-xjentifika waħedha ma tistax tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li s-suġġett passiv ikun ġie kontaminat mis-suġġett attiv. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-komparazzjoni għalhekk turi li huwa possibbli li s-suġġett attiv ikun ikkontaġja lis-suġġett passiv jew vice versa. Din l-analiżi xjentifika ġenetika tista' tindividwa li t-tip, razza jew strain tal-virus tal-HIV misjub fis-suġġett attiv kienet ukoll konsistenti ma dik tas-suġġett passiv fil-każ li dan ikun ġie kontaġġjat. Biss ikun meħtieġ provi ulterjuri biex jiġi determinat li kien is-suġġett attiv li kkontaġja lis-suġġett passiv u dawn normalment ikunu jistrieħu fuq ix-xiehda tas-suġġett passiv u xhieda oħra. B'hekk l-evidenza medika jew xjentifika waħedha mhix biżżejjed biex fuqha biss tkun tista' tiġi misjuba l-ħtija tal-imputat. F'dan il-każ il-verżjonijiet tal-imputat u dik ta' L.C. huma tant kontrastanti li l-anqas evidenza li dawn verament kellhom relazzjoni sesswali ma teżisti. Verament li l-Qorti fuq dan il-versant tista' tistrieh fuq ix-xiehda ta'

xhud wieħed, jekk kredibbli. Iżda dan huwa ferm diffiċli li tagħmlu f'każijiet ta' din in-natura tant delikata, anke jekk, fil-verita hija aktar propensa li temmen lil L.C. aktar milli lill-imputat dwar l-allegata relazzjoni li kien hemm bejniethom. Biss dan il-fatt waħdu, anke jekk veru, mhux suffiċjenti biex jipprova l-akkużi de quo jew liema waħda fosthom.

Dan ukoll minħabba l-fatt li fattur ieħor mediko-xjentifiku li l-Qorti trid iżżomm quddiem għajneja huwa l-grad tal-infezzjoni tas-suġġett attiv. F'dan il-każ ma ġiex pruvat suffiċjentement li l-imputat kien infettat bl-HIV fil-mument tal-att allegatament infettiv. Iżda anke kieku dan kien hekk, hemm sitwazzjonijiet fejn matul iċ-ċiklu ta' infezzjoni (u b'mod partikolari fejn il-persuna infettat tkun qegħda għaddejja bil-kura) jirrendi l-kontaminazzjoni impossibbli jew kważi. Għal darb'oħra dan huwa fatt li jrid jiġi stabbilit mill-provi u jrid ikun jeżisti fiż-żmien ta' meta jkun ġie kommess l-allegat fatt kontaġġjanti.

Il-Qorti f'dan il-każ hija wkoll sajma għal kollox dwar dan l-aspett. Ma hemm ebda prova li turi li l-imputat kien maħkum mill-HIV fiż-żmien inkriminat. L-analiżi xjentifika kondotta fir-rigward tal-imputat f'dan il-każ seħħet snin wara l-allegat kommissjoni tal-att allegatament kontaġġjanti – f'Diċembru 2016. Il-Qorti ma għandhiex stampa dwar x'kienet il-kundizzjoni medika tal-imputat fil-jum meta seħħ l-allegat att kontaġġjanti jew qabel jew wara u jekk kien infettat x'viral load kellu u

jekk kienx qiegħed jieħu kura għaliha. Jekk xejn il-provi juru li huwa ma kienx qiegħed jieħu kura żgur. Iżda ma hemmx provi li kien qiegħed jagħmel dan meta kien infettat bl-HIV u li kien konsapevoli ta' dan jew almenu messu jkun jaf li kien hekk marid.

Il-Qorti kellu jkollha l-evidenza klinika u epidemjoloġika rigward it-tul tal-infezzjoni u l-perjodu possibbli ta' inkubazzjoni tal-infezzjoni biex tiddetermina l-għarfien suġġettiv jew kostruttiv tal-imputat u dan biex ikun jista' wkoll jiġi pruvat li kien l-imputat li kkontaġja lis-suġġett passiv (u li ma kienx saħansitra bil-kontra). In-natura u t-tip ta' virus, ir-razza jew *strain* tiegħu u l-grad t'infezzjoni huma provi importanti biex ikun jistgħu juru l-punt safejn l-evidenza xjentifika tkun tista ssostni l-evidenza fattwali oħra dwar meta l-marda jew il-kundizzjoni speċifikata tkun ġiet kienet allegatament mgħoddija mis-suġġett attiv lis-suġġett passiv. Jekk tali prova ma tkunx ġiet ipprovduta lil Qorti, l-azzjoni tal-Prosekuzzjoni qajla tista' tirnexxi.

Inoltre, fil-każ ta' trasmissjoni tal-HIV hemm testijiet, magħrufa bħala RITA (*Recent Infection Testing Algorithm*) li jistgħu jintużaw biex jevalwaw ir-rati ta' infezzjoni reċenti fil-popolazzjoni, u huwa possibbli li r-riżultat tat-test RITA għal kampjun individwali jista' jkun prodott bħala <u>evidenza taż-żmien</u> tal-infezzjoni in kwantu wħud minnhom jistgħu jiddeterminaw jekk persuna tkunx ġiet infettat fl-aħħar sitt xhur. Fir-Renju Unit dawn kienu wkoll magħrufa bl-isem ta' "STARHS". Dan

naturalment ikun jeħtieġ analiżi teknika kondotta minn espert. Dawn it-testijiet jistgħu juru, jekk pożittivi li persuna tkun kontaġġjata b'marda jew kundizzjoni speċifikata – iżda ma jistgħux juru min kien dak li kkawża l-ikkontaġġjar. Issa f'dan il-każ in disamina jirriżulta minn test xjentifiku li l-imputat kien maħkum mill-virus tal-HIV żgur sa mis-16 ta' Diċembru 2016. Minn naħa l-oħra x-xhud L.C. jgħid li huwa ġie kontaġġjat mill-imputat waqt relazzjoni omosesswali li bdiet f'Ottubru 2012. Biss rekords xjentifiċi u mediċi ta' dan ix-xhud huma assenti. Anke jekk gratia argomenti din il-Qorti tistrieħ fuq il-kelma tax-xhud L.C. fis-sens li huwa kellu relazzjoni omosesswali mal-imputat, din il-Qorti ma għandhiex prova xjentifika li fuqha tista sserraħ rasha li t-tip, razza u *strain* ta' virus li kellu l-imputat jinsab fil-persuna tax-xhud L.C. Verament li L.C. jgħid li huwa kien verġni qabel ma ltaqa' u kellu r-relazzjoni omosesswali mal-imputat. Iżda dan ma jfissirx li huwa ma setgħax dabbar din l-infezzjoni minn sorsi oħra – anke jekk huwa jtenni li ma' persuni oħra bews biss kellu. Fil-fatt letteratura fuq dan is-suġġett li rat l-istess Qorti tikkonferma li għalkemm rari ħafna, huwa possibbli li l-infezzjoni tal-HIV tgħaddi minn persuna għall-oħra mhux mis-saliva, iżda minħabba skambju ta' likwidi mid-demm li joħorġu minn qsim fil-ħalq jew ulċeri li jista' jkollhom il-partijiet f'ħalqhom, ilsienhom jew fil-ħniek. Naturalment kollox jiddependi skont iċ-ċirkostanzi tal-każ u għalkemm rari ħafna fil-letteratura, din il-possibilita' ma tistax l-anqas tiġi eskluża.

Huwa għalhekk li din il-Qorti, f'każijiet delikati ta' din in-natura, jrid ikollha provi b'saħħithom biex tkun tista' ssib ħtija f'persuna li kkontaġġjat lil ħaddieħor b'marda jew kundizzjoni speċifikata. Il-Prosekuzzjoni hija tenuta li tressaq l-aqwa prova quddiem din il-Qorti. Din il-prova tista' tinġieb b'mezzi teknċi mediċi u xjentifiċi magħquda ma evidenza fattwali oħra. U b'dawn iż-żewġt forom ta' provi magħqudin f'daqqa din il-Qorti setgħet imbagħad tara jekk jirriżultawx l-elementi kollha tar-reat de quo. Biss din il-prova ma inġabitx fl-atti ta' din il-kawża. Din il-Qorti ma tistax tasal għal sejbien ta' ħtija fuq bażi ta' probabbilita. F'każ bħal dan il-Prosekuzzjoni kellha ġġib din il-prova u ma setgħetx tistrieħ biss fuq id-dikjarazzjoni tal-imputat u dik tax-xhud L.C.

Dan ukoll peress li f'dan il-każ, fejn l-imputat kien qiegħed jirrifjuta li jagħmel it-test tad-demm, l-anqas saret talba għar-records mediċi tiegħu. L-anqas ir-records mediċi tax-xhud L.C. ma ġew prodotti biex juru li huwa verament maħkum mill-virus tal-HIV. Biss f'dan il-każ jirriżulta li fl-aħħar mill-aħħar l-imputat għamel it-test tad-demm, minn fejn irriżulta li huwa kellu l-virus tal-HIV. Biss ma ġiex determinat li dan il-virus tal-HIV huwa tal-istess tip, razza u *strain* ta' dak li ħakem lix-xhud L.C. Minbarra dan l-imputat kien stqarr fl-istqarrija tiegħu li huwa kien ġie sottomess għal interventi kirurġiċi fi Franza minħabba li kien qiegħed ibgħati mill-emorrojdi. Huwa tenna li ma kienx marid dak iż-żmien. Il-Prosekuzzjoni setgħet ikollha aċċess għar-records mediċi tal-

imputat minn fejn, anke jekk huwa oriġinarjament ma kienx qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu għall-għoti tat-test tad-demm, setgħa imbagħad jiġi determinat jekk minn dawn ir-records verament kienx ħieles minn mard jew kundizzjonijiet speċifikati fiż-żmien meta seħħ l-allegat fatt kontaġġjuż.

Każ bħal dan jeħtieġ ukoll analiżi dettaljata tal-istorja sesswali tas-suġġett attiv u s-suġġett passiv. Ad eżempju, jirriżulta mix-xiehda tax-xhud L.C. li huwa kien qiegħed jinsisti mal-imputat li huwa jkollu relazzjoni monogama miegħu u ried li jkun bis-serjeta. Iżda L.C. stess jiddikjara li kien jaf li l-imputat kellu filosofija differenti minn dik u li kien aktar libertin fl-approċ tiegħu lejn is-sess. L.C. jgħid li huwa kien jissoponi li l-imputat kellu ammiraturi u kellu wkoll suspett ta' promiskwita da' parti tal-imputat. Iżda minkejja dan, meta ġie biex ikollu r-relazzjoni sesswali mal-imputat, huma ma kienux tkelmu dwar jekk dan ir-rapport kellux ikun wieħed protett jew le. Għalkemm L.C. jgħid li huwa kien verġni qabel l-inkontru omosesswali mal-imputat u l-imputat jidher li kien attiv anke fuq is-sit GAYROMEO u li anke kien qiegħed ifittex is-sess, dan waħdu ma jippruvax lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat kien jaf li kien marid, jew li dan juri li huwa messu kien jaf li huwa marid skont dak li trid il-Liġi.

Il-Qorti trid tkun soddisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li s-suġġett passiv ma jkunx ġie kontaġġjat minn terza persuna jew li kien

l-istess suġġett passiv li kkontaġja lis-suġġett attiv. Del resto anke meta wieħed janalizza x-xiehda ta' L.C. għalkemm huwa jisħaq li kien verġini qabel l-inkontru mal-imputat u li huwa la uża siringi u l-anqas kellu attivita' sesswali ma terzi qabel ma għamel is-sess mal-imputat (għajr ħlief bews ma persuni oħra), huwa xorta wera element ta' inċertezza dwar mnejn setgħa ġie kontaġġjat tant li huwa qal lill-imputat biex imur jagħmel it-test tad-demm – jgħid hekk :

> Sirt naf li ghandi syphilis ukoll mal-HIV trid tigi ttestjat, le, għal fejn għax ma għandiex bzonn, għidlu jekk jiena ma gibthiex mingħandek alright fair enough jista; jkun ħa ngħidu hekk imma if anything tajtu lilek jigifieri bil-fors trid tigi ttestjat, le, le, le, kif jista' jkun għax jiena wkoll insegwi dieti fejn niklenzja ruħi, le int ma tistax għax bdejt it-terapija.....

Huwa importanti għalhekk li kemm l-istorja sesswali tal-imputat kif ukoll dik tas-suġġett passiv tiġi pruvata fi grad soddisfaċenti. Dan ifisser li għandhom jinġiebu provi dwar l-imġieba sesswali rilevanti u l-istorja sesswali rilevanti tal-imputat u dak tas-suġġett passiv. F'dan il-każ l-anqas prova li l-imputat kien maħkum mis-sifilide ma ġiet prodotta. Dan kien ikun punt interessanti għaliex tali infezzjoni setgħet tkun indikattiva ħafna.

F'dan il-każ, għalkemm l-evidenza fattwali provduta mix-xhud L.C. tindika lill-imputat bħala dak li min għandu huwa qal li ġie kontaġġjat, ma nġabetx prova xjentifika : la li L.C. fil-fatt huwa kontaġġjat bil-virus tal-HIV u l-anqas li, L.C. ġie kontaġġjat bl-istess tip, razza jew *strain* tal-virus li bih kien maħkum l-imputat.

L-anqas ma ġie pruvat li l-imputat kien jaf li huwa kien maħkum mill-virus tal-HIV fil-mument meta allegatament seħħ ir-reat u l-anqas ġie soddisfaċentement ippruvat li fl-istess żmien huwa messu kien jaf li huwa kien kontaġġjat u li bi traskuraġni għadda dan il-virus lil L.C. L-evidenza fattwali miġbura mhix sufficjenti biex turi li l-imputat huwa responsabbli għall-ikkontaġġjar tas-suġġett passiv u dan ukoll minħabba li din l-evidenza fattwali mhix kompatibbli kemm max-xiehda u l-istqarrija tal-imputat, iżda l-anqas ma hija kompatibbli mal-evidenza xjentifika jew medika li biha l-Qorti tkun tista' torbot il-virus tal-imputat ma' dak allegat minn L.C. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduċi din l-aqwa prova li setgħet kienet disponibbli għaliha biex turi li l-imputat kien jaf li huwa kien marid u li huwa għadda din il-marda lil L.C. meta kellhom ir-rapport omosesswali bejniethom.

Huwa minnu li l-imputat għall-bidu beda jagħżel li ma jiġix sottopost għal eżami tad-demm, u huwa veru li dan il-fatt fih innifsu jista' jnissel ċerti suspetti dwar dak li l-imputat setgħa jiġi ritenut li messu jkun jaf – anke fid-dawl tal-verżjoni tax-xiehda tiegħu bażata fuq stqarrija li huwa l-anqas kien jaf lil L.C.! Fil-verita kollox jiddependi mit-tip ta' provi li jiġu mresqin. Kwantu għall-kundizzjoni tas-saħħa tal-imputat, il-Qorti inġibulha provi li l-imputat kien imur Franza għall-kura ta' dak li huwa jgħid li kienu l-emorrojdi u dwar inkwiet li huwa kellu dwar jekk huwa kienx maħkum mill-marda tal-kanċer. Biss records mediċi dwar dan kollu ma ġewx prodotti, għajr ħlief dokument maħruġ mill-isptar Mater

Dei datat 23 t'Awissu 2012 li juri li verament l-imputat kien maħkum minn kunduzzjoni serja tal-emorrojdi. Biss ma hemmx evidenza li turi li l-imputat kien maħkum minn xi kundizzjonijiet jew sintomi kompatibbli ma' infezzjoni tal-HIV fiż-żmien meta seħħ l-allegat reat. Il-kundizzjoni tal-emorrojdi tippresta evidenza ċirkostanzjoni wisq ekwivoka biex tkun tista waħedha titqies bħala evidenza ta' sintomu li l-imputat kien marid bl-HIV diġa fl-2012. L-evidenza oġġettiva u xjentifika li huwa maħkum mill-HIV irriżultat snin wara l-allegat akkadut, mingħajr indikazzjoni dwar kemm setgħet ilha fuqu din l-infezzjoni.

Għalkemm it-tobba u n-nurse li xehdu taw indikazzjoni li l-imputat setgħa kien jaf li huwa marid bl-HIV, għal darb'oħra x-xiehda tagħhom tirrisali għal żmien wara li kien allegatament seħħ l-att kontaġġjanti ma L.C.. Dawn jgħidu li kien hemm diversi persuni li qalulhom li kienu ġew kontaġġjati mill-imputat. Biss ħadd minn dawn it-tobba jew nurse ma jforni isem jew kunjom ta' min huma dawn in-nies u l-anqas huma ma jidher li jsemmu lill-imputat b'ismu. Anzi Dr. Tonio Piscopo li tkellem ukoll ma L.C. jgħid li L.C. qallu li kellu kuntatt sesswali xi ftit xhur qabel iżda ma żvelax l-isem tal-persuna li magħha dan kien għamel is-sess. Dan it-tabib għalhekk ma kienx jaf jekk dik il-persuna li dwarha kien kelmu L.C. kienx l-imputat jew ħaddieħor. Dr. Piscopo l-anqas isemmi li kienu kelmuh xi ħames persuni oħra li allegaw li kienu ġew kontaġġjati mill-imputat – kif kien saħaq li qallu L.C. meta dan tal-aħħar kien xehed. Minn naħa tiegħu Dr. Philip Carabott jgħid li verament kien

hemm tlieta minn nies li kienu infurmawh li kellhom rapport ma persuna li ma semmewlux b'isimha, iżda rriferew għaliha bin-nazzjonalita tagħha. Biss huwa ma kienx jaf min hu l-imputat u qatt ma kien raħ qabel. Mill-banda l-oħra b'riferenza lejn in-nazzjonalita' Franċiża biss, mhux possibbli għal din il-Qorti tikkonkludi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-persuna li kienu qegħdin jirreferu għaliha kien l-imputat. Mill-banda l-oħra ma jfissirx li dak li xehdu dawn ix-xiehda mhux minnu, jew li ma semgħux dawn id-dikjarazzjonijiet isiru – għalkemm dawn id-dikjarazzjonijiet ma jistgħux jitqiesu bħala prova tal-kontenut tagħhom. Huwa minnu li dawn il-persuni baqgħu fl-anonimat u għalhekk il-Qorti ma għandhiex l-ismijiet tagħhom, wisq anqas ix-xiehda tagħhom. Iżda anke jekk, *gratia argomenti*, verament li dawn il-mediċi u paramediċi semgħu dawn il-verżjonijiet ta' dawn il-persuni, u jekk verament dawn kienu qegħdin jgħidu l-verita, u jekk verament ilkoll kienu qegħdin jippuntaw subgħajhom lejn l-imputat, xorta waħda jibqa' l-fatt li l-attenzjoni tal-imputat għall-fatt li huwa setgħa kien maħkum minn marda jew kundizzjoni speċifikata mill-operaturi tas-saħħa Maltin xorta waħda ġiet attirata diversi xhur wara l-allegat fatt kontaġġjanti – u xorta waħda l-Qorti hija sajma minn provi li juru li fiż-żminijiet penalment rilevanti għal dan il-każ l-imputat kellu l-għarfien li kien marid jew li kien hemm ċirkostanzi li juru li messu kien jaf li huwa kien marid jew aflitt minn kondizzjoni speċifikata u sussegwentement ikkontamina lil ħaddieħor.

Verament ukoll li l-imputat f'dak iż-żmien wera li kien qiegħed jirrifjuta li jagħmel it-test tad-demm biex jiddetermina darba għal dejjem jekk huwa kienx afflitt mill-virus tal-HIV. Dan minn naħa tiegħu kien nuqqas. Iżda f'dak l-istadju ma nġabitx prova mill-Prosekuzzjoni li wara li ġiet attirata l-attenzjoni tiegħu minn dawn il-mediċi u paramediċi huwa kkontaġja lil ħaddieħor. Ir-riklamar tiegħu li kien disponibbli għas-sess fuq il-GAYROMEO mhix prova suffiċjenti biex jiġi integrat dan ir-reat.

Jirriżulta li l-imputat kien għal żmien twil retiċenti li jipprovdi test tad-demm. Anke l-ġurisprudenza ingliża turi li r-rifjut ta' persuna li tagħmel it-test tad-demm jista' jkun fattur li min irid jiġġudika dwar il-fatt għandu jqis meta tiddeċiedi l-kwistjoni tal-għarfien tas-suġġett attiv jew ta' dak li messu kien jaf. Din l-evidenza tista' tkun indikazzjoni qawwija li s-suġġett attiv kellu dijanjosi preliminari t'infezzjoni minn tabib iżda li huwa naqas milli jaġixxi fuq dik ir-rakkomandazzjoni u ħeba dan il-fatt; jista' jkun hemm evidenza li s-suġġett attiv kien qiegħed jesibixxi sintomi ċari assoċjati mal-infezzjoni sesswali li minnha jkun raġonevoli li jiġi dedott li kellu jkun jaf li għandu marda jew kundizzjoni speċifikata; jista' jkun hemm evidenza li wieħed mill-imsieħba sesswali preċedenti ġew djanjostikati b'infezzjoni trasmessa sesswalment f'ċirkostanzi li s-suġġett attiv ikun jaf li dan ifisser li huwa biss hu jew hi li x'aktarx kien hu li kkontaġja lis-sieħeb sesswali tagħhom. Kwalunkwe waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi fattwali tista' tkun biżżejjed biex il-

Qorti tkun tista' tasal għall-konklużjoni li l-imputat almenu messu kien jaf li huwa kien marid b'mod li għalhekk setgħa jwassal li jmarrad lil ħaddieħor bl-għemil volut jew negliġenti tiegħu. Biss il-Prosekuzzjoni trid almenu tipprova xi wieħed minn dawn il-fatti jew ċirkostanzi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni biex il-Qorti tkun tista' ssib ħtija fir-rigward tal-imputat. F'dan il-każ, dil-Qorti jidhirlha li dan ma sarx.

Wara kollox, anke f'każijiet fejn wieħed jista' juri li s-suġġett attiv setgħa kellu s-suspett li setgħa kien marid, il-Prosekuzzjoni trid turi li s-suġġett attiv fehem li hu setgħa kien qiegħed jikkontaġja lil ħaddieħor. Dan l-għarfien żgur li huwa akkwistaħ wara li l-operaturi tas-saħħa Maltin kelmuh. Iżda jrid jiġi muri b'mod ċar li, fil-jum li fih l-imputat allegatament għamel l-att kontaġġjuż, huwa kien jaf u jifhem b'mod sħiħ il-mezzi li bihom in-nies jistgħu jipproteġu lilhom infushom jew milli jgħaddu mard jew infezzjoni waqt attività sesswali jew milli huma stess ikunu infettati waqt l-attività sesswali. Mill-banda l-oħra dawn il-persuni stess jistgħu ikunu f'*sense of denial* dwar il-kondizzjoni speċifikata tagħhom jew inkella jkunu huma stess taħt xokk psikoloġiku minħabba s-sitwazzjoni li jkunu fiha. Dan huwa stat ta' fatt li jrid jiġi miżmum in konsiderazzjoni meta l-Qorti tiġi biex tiddetermina jekk persuna tkunx verament fehmet iċ-ċirkostanzi li fihom hija setgħet sawret is-suspett li hij setgħet kienet marida jew aflitta minn kondizzjoni speċifikata. Il-Qorti għalhekk għandha tkun soddisfatta li s-suġġett attiv verament fehem li hu setgħa kien marid jew afflitt minn kundizzjoni

speċifikata u li huwa setgħa jkun kontaġġjuż għal ħaddieħor, nonche li l-marda jew kondizzjoni speċifikata minnha maħkum kienet waħda minn dawk li setgħu jiġu trasmessi lil ħaddieħor. Dawn huma aspetti li jridu jiġu determinati minn xiehda ordinarji u b'mod partikolari dawk esperti.

Jibqa l-fatt li f'attività sesswali konsenswali, kemm il-ġurisprudenza Ingliża kif ukoll dik Taljana jeħtieġu r-responsabbiltà taż-żewġ individwi li jiżguraw li jittieħdu miżuri ta' salvagwardja biex itaffu r-riskju tat-trażmissjoni tal-mard jew tal-kundizzjoni speċifikata. Biss hija r-responsabbilta aħħarija tas-suġġett attiv infettat, b'mod partikolari jekk ikun konxju minn tali mard jew fil-każ li huwa messu jkun jaf li huwa marid li jieħu dawk is-salvagwardji meħtieġa matul id-durata tal-attivitajiet sesswali kollha u fejn din il-possibilita' ta' trasmissjoni t'infezzjoni tibqa' possibbli. B'hekk jekk jiġi pruvat soddisfaċentement li suġġett attiv ħa dawk is-salvagwardji meħtieġa biex tiġi evitata t-trażmissjoni tal-mard jew kundizzjoni speċifikata matul il-perjodu kollu tal-attività sesswali, u evidenza li dawk is-salvagwardji jissodisfaw kriterji mediċi fid-dawl tan-natura tal-infezzjoni, ikun diffiċli għall-Qorti tikkonkludi li s-suġġett attiv kien negliġenti fl-aġir tiegħu.

Jekk jiġi pruvat li persuna maħkuma mill-virus tal-HIV ikun ġie dijanjostikat u qiegħed jirċievi trattament wieħed mill-effetti huwa tnaqqis fl-ammont tal-virus fis-sistema tagħhom (li f'xi każijiet dan jista' jirriżulta f'tagħbija virali li ma tistax titkejjel). F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-

prospett li l-infezzjoni tiġi trażmessa lil xi ħadd ieħor jista' jitnaqqas b'mod sinifikanti. It-teħid ta' medikazzjoni jista', f'xi ċirkostanzi, ikun salvagwardja daqshekk effikaċi bħal, pereżempju, l-użu ta' kondom fit-tnaqqis tar-riskju u għalhekk jimpedixxi t-trasmissjoni ta' mard – u ergo tar-responsabbilta penali għal dan ir-reat da parti tas-suġġett attiv. Biss il-Qorti għandha għal darb'oħra tistrieħ kemm fuq provi mediċi u xjentifiċi fuq naħa daqs kemm fuq provi fattwali fuq l-oħra. Dan peress li infezzjoni tista' xorta waħda sseħħ anke fejn ikunu ttieħdu prekawżjonijiet – bħal fejn preservattiv użat mis-suġġett attiv jitqatta waqt l-attivita' sesswali u s-suġġett attiv jibqa' għaddej bl-attivita' sesswali xorta waħda. F'dan il-każ il-prudenza tal-użu tas-salvagwardji jiġi superat mill-arbitrarjeta tad-deċiżjoni li jkompli għaddej bl-attivita' sesswali potenzjalment kontaġġjanti. Mill-banda l-oħra jekk is-suġġett attiv jieħu prekawzjonijiet li jkun jaf li ma humiex adattati għaċ-ċirkostanzi, ma jkunx jista jingħad li huwa ssodisfa t-test tal-prudenza u diliġenza meħtieġ biex jeżimi ruħu mill-possibilita' ta' responsabbilta' penali. Il-Qrati għalhekk iridu wkoll iqisu l-adegwatezza tas-salvagwardji adottati u f'każ t'inadegwatezza, l-imprudenza tista' twassal ukoll għal sejbien ta' ħtija f'dawn il-każijiet. Fil-każ li s-suġġett attiv kien konxju mill-fatt li huwa infettat huwa dejjem jibqa' fid-dmir li jinforma lis-suġġett passiv bl-istat ta' kontaġju tiegħu.

F'dan il-każ pero jirriżulta li, jekk il-verżjoni tax-xhud L.C. titwemmen, la l-imputat u l-anqas L.C. ma ħadu prekawzjonijiet meħtieġa meta

daħlu fl-attivita omosesswali bejniethom. Mill-banda l-oħra, kif fuq spjegat, din il-Qorti ma għandhiex provi sufficjenti li in bażi tagħhom tista' tikkonkludi jew li l-imputat kien jaf li huwa marid jew maħkum minn kundizzjoni speċifikata jew li minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa messu kien jaf li huwa marid jew afflitt minn kondizzjoni speċifikata.

## ***DEĊIDE***

li wara li rat l-Artikoli ċitati mill-Avukat Ġenerali fin-nota għar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu aktar il-fuq imsemmija, u ċjoe' fl-Artikolu 244A tal-Kodiċi Kriminali, stante li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-elementi tar-reati ipotizzati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni il-Qorti ma ssibx lill-imputat **Stephan Maurice Georges Saurin** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tillibera lill-imputat minn kull ħtija u piena.

**Mogħtija fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta, illum 3 t'Ottubru 2018**

***Aaron M. Bugeja***
***Maġistrat***